

32001D0253

31.3.2001

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 91/81

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tal-21 ta' Marzu 2001

li temenda d-Deċiżjoni 95/538/KE li ttipprovdi kundizzjonijiet speċjali li jirregolaw l-importazzjoni tas-sajd u akwakultura li joriġinaw fil-Ġappun

(notifikata bid-dokument numru C(2001) 741)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2001/253/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Artikolu 1

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 91/493/KEE tat-22 ta' Lulju 1991 li tistipula l-kundizzjonijiet tas-saħħa għall-produzzjoni u tpoġġija fis-suq ta' prodotti tas-sajd⁽¹⁾, kif l-aħħar emendata bid-Direttiva 97/79/KE⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 11 tagħha,

Id-Deċiżjoni 95/538/KE hija modifikata kif ġej:

Billi:

1. L-Artikolu 1 għandu jiġi mibdul b'dan li ġej:

(1) L-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 95/538/KE tas-6 ta' Diċembru 1995 tippreskrivi kundizzjonijiet speċjali li jirregolaw l-importazzjoni ta' prodotti tas-sajd u akwakultura li joriġinaw mill-Ġappun⁽³⁾, li jiddikjara li l-Ministeru tas-Saħħa u l-Sigurtà - Diviżjoni Sanitarja Veterinarja (MHW-VSD) għandu jkun l-awtorità kompetenti fil-Ġappun li tivverifika u tiċċertifika l-konformità ta' prodotti ta' sajd u akwakultura mal-ħtiġijiet tad-Direttiva 91/493/KEE;

"L-Artikolu 1

Id-Diviżjoni ta' l-Ispezzjoni u Sigurtà (ISD) tal-Ministeru tas-Saħħa, Xogħol u Sigurtà għandha tkun l-awtorità kompetenti fil-Ġappun għall-ivverifikar u ċertifikar tal-konformità ta' prodotti tas-sajd u akwakultura mal-ħtiġijiet tad-Direttiva 91/493/KEE."

(2) Wara ristrutturar fl-Amministrazzjoni Ġappuniża, l-awtorità kompetenti għaċ-ċertifikati tas-saħħa għall-prodotti tas-sajd inbidlet għad-Diviżjoni ta' Spezzjoni u Sigurtà (ISD) tal-Ministeru tas-Saħħa, Xogħol u Sigurtà. Din l-awtorità l-għdida hija kapaċi li tivverifika l-applikazzjoni tal-liġijiet fis-seħħ. Huwa għalhekk meħtieġ li tiġi modifikata n-nomina ta' l-awtorità kompetenti msemmija fid-Deċiżjoni 95/538/KE u l-mudell taċ-ċertifikat tas-saħħa nkluż fl-Anness A li jinsab ma' din id-Deċiżjoni

2. L-Artikolu 2 għandu jiġi mibdul b'dan li ġej:

"L-Artikolu 2

Prodotti tas-sajd u akwakultura li joriġinaw fil-Ġappun għandhom ikunu jikkonformaw mal-kundizzjonijiet li ġejjin:

(3) Billi huwa konvenjenti li jiġi armonizzat il-kliem tad-Deċiżjoni 95/538/KE mal-kliem tad-Deċiżjonijiet tal-Kummissjoni adottati aktar reċenti, li jistipulaw l-kundizzjonijiet speċjali li jirregolaw l-importazzjoni ta' prodotti tas-sajd u akwakultura li joriġinaw minn ċerti pajjiżi terzi;

1. kull konsenja għandha tkun akkumpanjata minn ċertifikat numerat oriġinali tas-saħħa, mimli kif imiss, iffirmat, datat u li jkun magħmul minn paġna waħda skond il-mudell fl-Anness A hawn meħmuż;

2. il-prodotti għandhom ikunu ġejjin minn stabbiliment approvati, bastimenti fabbriki, imħażen tal-friża jew bastimenti tal-friża regiġtrati elenkati fl-Anness B hawn meħmuż;

(4) Il-miżuri li għalihom ttiprovdi din id-Deċiżjoni huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti Veterinarju,

3. ħlief fil-każ ta' prodotti tas-sajd iffriżati bil-kwantità u maħsuba għall-manufattura ta' ikel priżervat, il-pakketti kollha għandhom ikollhom il-kelma 'ĠAPPUN' u n-numru ta' approvazzjoni/regiġtrazzjoni ta' l-istabbiliment, bastiment fabbrika, maħżen tal-friża jew bastiment tal-friża ta' oriġini b'ittri li ma jitħassrux."

3. L-Artikolu 3(2) għandu jiġi mibdul b'dan li ġej:

"2. Iċ-ċertifikati għandhom ikollhom l-isem, il-kariga u l-firma tar-rappreżentant ta' l-ISD u t-timbru uffiċjali ta' dan ta' l-aħħar b'kulur differenti minn dak ta' ċertifikar ieħor."

4. L-Anness A għandu jiġi mibdul bl-Anness hawn meħmuż:

Artikolu 2

⁽¹⁾ ĠU L 268, ta' l-24.9.1991, p. 15.

⁽²⁾ ĠU L 24, tat-30.1.1998, p. 31.

⁽³⁾ ĠU L 304, tas-16.12.1995, p. 52.

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ 45 jum wara l-pubblikazzjoni tagħha fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija ndirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussel, fil-21 ta' Marzu 2001.

Għall-Kummissjoni

David BYRNE

Membri tal-Kummissjoni

L-ANNEX

"L-ANNEX A

ĊERTIFIKAT TAS-SAĦĦA

għall-prodotti tas-sajd u akwakultura li joriġinaw fil-Ġappun u maħsuba għall-esportazzjoni lejn il-Komunità Ewropea

Nru tar-riferenza:

Pajjiż ta' dispaċċ: **il-Ġappun**

Awtorità kompetenti: Diviżjoni ta' Spezzjoni u tas-Saħħa (ISD) tal-Ministeru tas-Saħħa, Xogħol u Sigurtà

I. Dettalji li jidentifikaw 'il prodotti tas-sajd

- Deskrizzjoni tal-prodotti tas-sajd/akwakultura ⁽¹⁾:
- speċji (isem xjentifiku):
- preżentazzjoni tal-prodott u tip tat-trattament ⁽²⁾:
- Numru tal-kodifika (fejn disponibbli):
- Tip ta' pakkeġġar:
- Numru ta' pakketti:
- Piż nett:
- Temperatura meħtieġa tal-ħażna u tal-ġarr:

II. Oriġini tal-prodotti

Isem/ismijiet u numru/i uffiċjali approvat/i ta' l-istabbiliment/i, bastiment/i fabbrika jew maħżen/imħażen tal-friża jew bastiment/i tal-friża reġistrat/i mill-ISD għall-esportazzjoni lejn il-Komunità Ewropeja:

.....

.....

III. Destinazzjoni tal-prodotti:

Il-prodotti huma mibgħuta

minn-:

(post tad-dispaċċ)

lejn:

(pajjiż u post tad-destinazzjoni)

bil-mezzi ta' trasport li ġejjin:

.....

Isem u ndirizz ta' min jibgħat:

.....

Isem tal-konsenjatarju u ndirizz fil-post ta' destinazzjoni:

.....


⁽¹⁾ Ħassar kif japplika.

⁽²⁾ Ħaj, imkessaħ, iffriżat, immellaħ, ittrattat bin-nar, priżervat, eċċ.

IV. Ċertifikat tas-saħħa

- L-ispettur uffiċjali b'dan jiċċertifika li l-prodotti tas-sajd u akwakultura speċifikati hawn fuq:
1. Kienu maqbuda, u mmaniġġati fuq bastimenti skond ir-regoli tas-saħħa stipulati bid-Direttiva 92/48/KEE;
 2. kienu mniżżla l-art, immaniġġati u fejn japplika ippakkeġġati, imħejjija, proċessati iffriżati, imdewba u mażżuna iġjenikament b'konformità mal-ħtiġijiet stipulati fil-Kapitoli II, III u IV ta' l-Anness li jinsab mad-Direttiva 91/493/KEE;
 3. għaddew mill-kontrolli tas-saħħa skond il-Kapitolu V ta' l-Anness li jinsab mad-Direttiva 91/493/KEE;
 4. huma pakkeġġati, immarkati, mażżuna u trasportati skond il-Kapitoli VI, VII u VIII ta' l-Anness li jinsab mad-Direttiva 91/493/KEE;
 5. m'humiex ġejjin minn speċji tossiċi jew speċji li fihom bijotossini;
 6. għaddew b'mod sodifajenti l-verifiki organoleptiċi, parasitoloġiċi, kimiċi u mikrobijoloġiċi stipulati għal ċerti kategoriji ta' prodotti tas-sajd mid-Direttiva 91/493/KEE u bid-Deċiżjoni ta' implimentazzjoni hemm meħmuża;
- 'L-ispettur uffiċjali hawn taħt iffirmat b'dan jiddikjara illi huwa konxju mid-dispożizzjonijiet tad-Direttivi 91/493/KEE u d-Direttiva 92/48/KEE u d-Deċiżjoni 95/538/KE.

Magħmula: , fi
 (Post) (Data)



.....
 Firma ta' l-ispettur uffiċjali (?)

.....
 (Isem b'ittri kbar, kariga u kwalifiki tal-persuna li tiffirma)

(?) Il-kulur tat-timbru u l-firma għandu jkun differenti minn dak tad-dettalji l-oħra fiċ-ċertifikat.